MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### TONIO MALLIA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 806/2004

**Bernardi s.p.a. kif rappresentata mill-mandatarju specjali taghha Dr. Ian J. Stafrace**

**vs**

**Easysell Retailers Limited C 5001**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur *nomine* fit-22 ta' Ottubru, 2004, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

B'sentenza moghtija mit-*Tribunale di Udine, Italia*, fl-ewwel (1) ta' Marzu, 2004, fl-ismijiet *Bernardi s.p.a. vs. Easysell Retailers Limited* (numru 301/04), is-socjeta' konvenuta *Easysell Retailers Limited* kienet ikkundannata li thallas lis-socjeta' attrici is-somma kapitali ta' mitejn sitta

u hamsin u erbat elef Euros u tnejn u tletin centezmu (Euro 256.004,32) bl-interessi *oltre* l-ispejjes ammontanti ghal sitt elef disa' mija u sebghin Euro u tlieta u erbghin centezmu (Euro 6.970,43) *oltre* l-IVA u contributi ohra hekk dovuti skond l-istess sentenza, kopja ta' liema sentenza qeghda tigi hawn annessa u markata bhala Dok IJS1.

L-istess sentenza hija finali u ezegwibbli *stante* li ma gie interpost l-ebda appell mill-istess sentenza;

Sa llum, minkejja li giet interpellata, is-socjeta' konvenuta baqghat ma hallsitx is-somma kononizzata bl-istess sentenza;

Is-sentenza moghtija mit-*Tribunale di Udine, Italia,* fl-ewwel (1) ta' Marzu, 2004, fl-ismijiet *Bernardi s.p.a. vs. Easysell Retailers Limited* (numru 301/04) ghandha dak kollu li jehtiegu l-artikoli 826 sa 828 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex dina tkun ezegwibbli hawn Malta;

Talbu lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara s-sentenza moghtija mit-*Tribunale di Udine*, *Italia*, fl-ewwel (1) ta' Marzu 2004, fl-ismijiet *Bernardi s.p.a. vs. Easysell Retailers Limited* (numru 301/04) ezegwibbli hawn Malta;

2. Tordna l-esekuzzjoni ta' l-istess sentenza sabiex is-socjeta' attrici tkun tista' tesigi l-hlas ta' l-ammont kanonizzat bir-rata tal-kambju ta' dak in-nhar li tinghata s-sentenza jew ta' meta ssehh l-esekuzzjoni effettiva;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-tlieta (3) ta' Settembru, 2004, kontra l-konvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-att tac-citazzjoni izda naqset li tressaq nota tal-eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li fis-7 ta' Marzu, 1998, is-socjeta' *Bernardi s.p.a.* fethet kawza kontra s-socjeta' konvenuta quddiem it-Tribunal ta' Udine, gewwa l-Italia, u talbet hlas ghal-bilanc ta' prezz ta' fornituri konsenjati; il-konsenja u l-prezz intalbu bis-sahha ta' kuntratt ta' kolloborazzjoni kummercjali iffirmat bejn il-partijiet fit-12 ta' April, 1995. Is-socjeta' konvenuta ikkontestat il-kawza quddiem dak it-Tribunal, inkarigat Avukat biex jiddefendi l-interessi taghha, u accettat il-gurisdizzjoni ta' dak it-Tribunal. Dak it-Tribunal ezamina l-kontestazzjoni, u b'sentenza tal-1 ta' Marzu, 2004, cahad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u laqa' it-talba tas-socjeta' attrici u ikkundannat lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Euro 256,004.32 lis-socjeta' attrici. Din is-sentenza ghaddiet *in gudikat* u giet dikjarata esegwibbli b'digriet tal-15 ta' April, 2004, mahruga mill-*Cancelliere* tat-Tribunal ta' Udine.

Jidher li wara din is-sentenza, is-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx is-somma kanonizzata bl-istess sentenza; dan gie ikkonfermat mill-mandatarju tas-socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici, issa, qed titlob li s-sentenza moghtija mit-Tribunal taljana tigi reza ezegwibbli hawn Malta. Din l-esekuzzjoni qed tintalab *ai termini* tal-artikoli 826 sa 828 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalkemm is-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci, il-Qorti trid xorta wahda tara li r-rekwiziti tal-ligi jkunu sodisfatti u li ma jkunx hemm ostakoli legali ghal-ezegwibilita' tas-sentenza; f'dan is-sens hi l-gurisprudenza lokali: ara "Camilleri Preziosi vs Degiorgio", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 1984, u "Mallia

vs Rosenblatt", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Novembru, 1979.

Il-metodu invokat mis-socjeta' attrici hu l-metodu ta' *"Indirect Enforcement"*. Meta ssir talba ghar-registrazzjoni b'dan il-mod, il-principji bazilari li l-Qrati taghna jridu jzommu quddiem ghajnejhom huma: (a) li l-pajjiz esteru kellu gurisdizzjoni jiddelibera u jiddeciedi fuq il-kaz *in kwistjoni*; (b) li gew segwiti l-principji ta' Gustizzja Naturali u, (c) li, f'kull kaz, ma tigix enforzata sentenza jekk ikunu jezistu cirkustanzi li, taht il-ligi Maltija, jistghu jwasslu li d-decizjoni Maltija tkun imwarrba. Dan l-ahhar principju, jfisser, li jekk ikunu jezistu cirkustanzi li, taht il-ligi Maltija, jistghu jaghtu lok ghal *re-trial*, dik id-decizjoni ma tigix enforzata. *Oltre* dan, hemm il-principju generali li d-decizjoni ma tridx tkun wahda kontra l-Ordni Pubbliku Malti.

F'dan il-kaz, ma jirrizultax li hemm xi ostakolu ghal-ezegwibilita' tas-sentenza estera. Is-socjeta' konvenuta accettat il-gurisdizzjoni tal-Qrati taljani, u inghatat l-opportunita' li tikkontesta, u fil-fatt, ikkontestat, il-pretensjoni attrici bl-ghajnuna ta' Avukat mahtur *a scelta* taghha (ara, bhala rifless fuq il-kompetenza, fejn tezisti l-presenza u sottomissjoni, d-decisjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Camilleri vs Mizzi", deciza fil-25 ta' Novembru, 1952). Is-socjeta' konvenuta, fil-fatt, ma ikkontestatx il-gurisdizzjoni tat-Tribunal invokat, u minn ezami tas-sentenza moghtija ma jidhirx li jista' jkun hemm xi difett procedurali kif kontemplat fl-artikolu 811 tal-Kap. 12. Is-sentenza hi ben motivata, u applikat principji legali li solitu jigu invokati mill-Qrati Maltin. Dak it-Tribunal, fil-fatt, strieh fuq il-principju *pacta sunt servanda,* principju li jghodd ukoll ghal-ordinament guridiku Malti, u fuq l-obbligu generali ta' kull kontrament li jagixxi *in bona* fidi. Il-Qorti ezaminat il-lanjanzi tas-socjeta' konvenuta, u wara li qiesiethom, dehrilha li kellha tichadhom. Il-Qorti estera invokat u applikat il-patt konkordat bejn il-partijiet, u waslet ghal-konkluzzjoni taghha konformi mal-ligi. Ma hemm xejn, lanqas, fid-decizjoni li jmur kontra l-ordni pubbliku Malti.

Ghalhekk, jirrizulta, li ma hemm ebda ostakolu kontra l-akkoljiment tat-talba attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, bir-rata tal-kambju applikabbli jkun dak ta’ meta inghatat is-sentenza tat-Tribunal ta’ Udine.

L-ispejjes tal-kawa jithallsu kollha mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------